**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Ergha, 14 ta' Gunju 2017**

**Talba Nru: 53/17 CZ**

**GO p.lc. (C 22334)**

**vs.**

**Medair International Limited (C 59124)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-24 ta' Jannar 2017 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' elf, mitejn u tnejn u sebghin Euro u hmistax-il centezmu (€1,272.15) dovuti in konnessjoni ma' servizzi elettronici u ta'

komunikazzjoni maghruf bhala 'BB Business Internet' li gew prestati mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta fuq akkont li jgib in-numru AC40316944.

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas ta' l-ammont surriferit, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghahekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-prezenti rikors.

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentax risposta u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2017.

Ikkunsidra l-fatt illi rapprezentat tas-socjeta' konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn u tnejn u sebghin Euro u hmistax-il centezmu (€1,272.15), bl-imghaxijiet kif mitlub. L-ispejjez ghandhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur